# MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 16/2025-9

Il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2025

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fil-4.45 ta' wara filgħaxija.

PREŻENTI :

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dott. Marlene Cini – Kunsillier
Is-Sur Mario Portelli – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

16.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsillier Nicky Saliba skuża ruħu li ma setax jattendi. Is-Sindku Baskal Saliba informa lil membri preżenti li l-Kunsilliera Dott. Marlene Cini ser tkun qed tingħaqad b'mod virtwali peress li tinsab indisposta li tattendi.

16.2 **Approvazzjoni tal-Audited Financial Statement & Annual Report 2024**

Is-Sindku nforma lil membri li kellha tissejjaħ din il-laqgħa peress li l-Audited Financial Statement u l-Annual Report 2024 ġew mibgħuta mill-Awdituri għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-awdituri qed jikkonfermaw l-Unaudited Financial Statement li approva l-Kunsill waqt laqgħa numru 11/2025-9. Kompliet tgħid li l-Kunsill għalaq is-sena 2024 b'telf ta' €117,000 fuq natura rikorrenti. Aċċenat li hemm bżonn li jitnaqqsu l-ispejjes sabiex b'hekk jitnaqqas id-dejn. Kompliet tgħid li dawn in-numri ilhom jinbnew anke minn leġislaturi preċedenti u talbet sabiex il-Kunsill ikun kawt fid-deċizjonijiet tiegħu. Infurmat lil membri li l-Kunsill għalaq is-sena 2024 b'dejn ta' €160,000.

Fakkret lil membri illi l-allokazzjoni tas-sena 2025 ġiet imnaqqsa b'madwar €60,000 x'ħin jinqatew l-ispejjes ta' l-iskart u għalhekk il-Kunsill għandu joqgħod aktar attent sabiex ma jkompliex jikber id-dejn.

L-Audited Financial Statement & Annual Report 2024 ġew approvati mill-membri preżenti.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.55 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv